# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA, 7 TA' FRAR, 2001

*Avviz. Nru 1072/00 AJD*

William Soler

vs

Constantino Micallef

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Lulju, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm175.00) dovuti in konnessjoni mad-dritt professjonali dovut lill-attur minghand Constantino Micallef, il-konvenut, rigward xoghol li sar fid-dar ta' Micallef f'San Gwann.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn dan eccepixxa:-

Li t-talba attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili.
Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa eccessiv.
Sema' x-xhieda tal-konvenut u tal-attur, dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidra:
Illi l-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Artikolu jaqra hekk:

"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.
(c) l-azzjonijiet ta' l-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjes li jkunu ghamlu".

Illi l-konvenut xehed fis-sens li huwa kien inkariga lill-attur ghas-servizzji professjonali tieghu fl-1989 u li fit-8 ta' Gunju, 1995, huwa kien hallas lill-attur is-somma ta' mit lira Maltin (Lm100.00). L-attur kien talbu mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm275.00). Huwa kkunsidra dan l-ammont eccessiv u hallas lill-attur din is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100.00). Il-konvenut qal ukoll li qabel ma gie notifikat bl-atti ta' din il-kawza, qatt ma rcieva ebda interpellazzjoni ghall-hlas minghand l-attur.

Illi l-attur min-naha l-ohra isostni li l-ammont mitlub minnu jkopri servizzji professjonali rezi minnu lill-konvenut u estizi mill-1990 sal-1998 u in sostenn ta' dan esibixxa d-dokumenti mmarkati bhala Dok. A sa Dok. T.

Illi l-uniku dokument li skond l-attur stess suppost jindika li huwa offra servizzji professjonali lill-konvenut wara l-a998 huwa Dok. R1 u Dok. R2. Dejjem skond l-attur dan id-dokument jikkonsisti fi stima maghmula ad inkarigu tal-konvenut f'Settembru 1998.

Illi t-Tribunal jinnota li dan id-dokument m'huwiex datat u inoltre ma fih ebda indikazzjoni li l-istima tirrigwarda l-propjeta' tal-konvenut jew li giet maghmula ad inkarigu tal-konvenut.

Illi l-ahhar dokument li jindika b'mod car u inekwivoku li l-attur irrenda servizzji professjonali lill-konvenut huwa Dok. Q liema dokument huwa datat 27 ta' Frar, 1996.

Illi l-attur esebixxa zewg ittri interpellatorji mmarkati bhala Dok. S u Dok. T liema ittri interpellatorji huma mmarkati 3 ta' Marzu, 1999 u 23 ta' Gunju, 1999. Huwa ovvju li dawn l-ittri interpellatorji ma jinterrompux il-preskrizzjoni skond il-ligi stante li hija biss interpellazzjoni permezz ta' ittra ufficjali jew att gudizzjarju iehor li tinterrompi l-preskrizzjoni.

Illi t-Tribunal ghalhekk jidhirlu li l-konvenut ipprova b'mod sodisfacenti li t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici u jiddikjara li l-istess talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.  L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-attur.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR